# IL-BIDWI

FOLJU MAHRUĠ DARBTEJN FIX-XAHAR MID-DIPARTIMENT TAL-BIEDJA

*Editur, C. Zammit-Marmarà M.B.E.*

Nru. 51 IL-MILIED, 1944. Nru. 51

## KELMTEJN MILL-EDITUR

WAŚAL Milied ieħor u waslet sena oħra. Il-ferħ ta' qalbna fi żmien bħal dan u bħala Insara jikber. Is-sena li ġejja nittamaw li ġġib magħha l-paċi ta' l-Ewropa u b'hekk tibda l-ħajja ġdida tal-Gżejjer tagħna.

Id-destin ta' Malta jinsab f'idejn dawk in-nies ta' rieda tajba li jħarsu fit-tul. Il-paċi sejra, din id-darba, iġġib xogħol li bis-saħħa tiegħu, in-nies tal-kampanja, l-iżjed iż-żgħażagħ, iktarx jinġibdu lejn l-ibliet billi hemmhekk ikunu jafu li jsibu xogħol iktarx imħallas b'pagi li jkunu jaqblu!

Jekk il-biedja ma tiġix imħarsa u żviluppata, ikun hemm kurrent lejn l-ibliet li maż-żmien jista' jġib qagħad u kriżi fil-pajjiż.

Ikun żball kbir jekk inħallu l-biedja ta' pajjiżna titgħarraq. Jinħtieġ illi l-bdiewa jinteressaw ruħhom u li nżommuhom interessati fl-iżvilupp tar-raħal tagħhom. Jinħtieġ illi r-refgħa li jiġi merfugħ il-bidwi mill-kondizzjoni li kien qabel il-gwerra tkun refgħa serja, refgħa soda li tagħmlu għajjur għax-xogħol tar-raba'.

Il-ġid tal-kampanja huwa l-għana ta' l-ibliet, u jekk nagħirfu nżommu l-biedja fil-ġieħ li jistħoqqilha, ikun hemm żvilupp qawwi fl-industrja tal-biedja kif ukoll fl-industrji l-oħra li għandhom x'jaqsmu magħha.

Nittamaw li s-sena li riesqa ġġib magħha l-paċi għad-dinja. Paċi għal dawk il-missirijiet li f'din il-gwerra sefgħu mingħajr ulied, paċi għal dawk li tilfu l-ġenituri tagħhom, paċi għal dawk li tilfu djarhom u nieshom, paċi u għaqda mal-familja għal dawk in-nies li l-lum qegħdin jiġġieldu bogħod minn nieshom.

**Il-Milied u s-Sena t-Tajba lil kulħadd.**

**Lill-bdiewa u lill-qarrejja tagħna**
**nixtiequ l-hena u r-riżq kollu**
**li magħhom nittamaw sejrin iġibu**
**l-Milied u s-Sena l-Ġdida**
**għall-Gżira tagħna**
**li wara ħames snin ta' l-eqqel gwerra**
**tad-dinja**
**waslet biex targa' tintrafa'**
**fuq il-ħirba ta' djarha u tar-raba' tagħha**
**għall-ħajja ġdida**
**li fiha**
**is-sengħa, il-għaqal u l-ħidma tal-bidwi**
**għad ikollhom l-akbar sehem**
**biex ikabbru l-ġieħ ta' l-isem tagħha.**

a. c.

## MESSAĠĠ LILL-BDIEWA

**WASLET sena ġdida u jien ma nistax ma nagħtix daqqa ta' għajn lejn l-imgħoddi, li minnu nistgħu nitgħallmu ħafna, u ħarsa b'moħħna miftuħ lejn iż-żmien li ġej. Ir-responsabbiltà ta' Dipartiment li fi żmien il-gwerra, ħtieġlu jmexxi l-industrja li tipproduċi l-iżjed ħaġa meħtieġa — li hi l-ikel — hi tabilħaqq kbira, iżda din ir-responsabbiltà sejra iżjed tikber fi żmien ta' transazzjoni, jiġifieri fi żmien li fih qegħdin noqorbu għaż-żmien ta' qabel il-gwerra, u fi żmien meta t-tmiem tal-gwerra jista' jġib miegħu bżonnijiet ġodda li aħna ma nkunu xejn ħlomna bihom.**

**Jiena, flimkien mad-Dipartiment li qiegħed immexxi, qiegħed dejjem b'għajnejja miftuħa għall-bżonn li jista' jkun hemm. Jista' jagħti l-kas illi s-swieq tagħna li kellna qabel il-gwerra ma jkunux iżjed miftuħa għalina, iżda aħna nistgħu nsibu u niżviluppaw swieq oħra.**

**Għaldaqshekk, il-pulitka tad-Dipartiment fis-sena li riesqa sejra tkun dik ta' xogħol għaqli biex ittejjeb is-swieq tal-pajjiż u tmexxi 'l quddiem is-swieq ta' barra; li waqt li l-prezzijiet għall-bdiewa jkunu xierqa fl-istess ħin ikunu wkoll hekk għal min jiekol, li, tqajjem u tmexxi 'l quddiem ukoll industrji ġodda li jistgħu jkunu ta' ġid lill-biedja, u li ġġib 'il quddiem l-industrji li għandna. Iż-żieda tal-bhejjem u annimali tar-raba' u tar-razzett, bl-aħjar razez li wieħed jista' jikseb, hija wkoll wieħed mix-xogħol ta' fejda li rridu nagħmlu.**

**Jiena sa nbida din is-sena l-ġdida bi ħrara u kuraġġ kbir u bit-tama li, bil-għajnuna t'Alla, it-treġija tiegħi ta' Dipartiment hekk importanti, tkun ta' ġid għall-biedja u għall-pajjiż kollu, u b'din it-tama, nixteqilkom ilkoll is-sena tajba.**

**ID-DIRETTUR.**

## MENENJU AGRIPPA U L-BIDWI

*(Pax)*

Għal ħabta ta' 500 sena qabel Kristu, il-poplu baxx ta' Ruma kollu kemm hu irvella kontra s-sinjuri u ma riedx iservihom iżjed. Hadd ma sata' jsib tarfu u la bil-liġi u lanqas bl-armi.

Gara li ġurnata waħda jirħewlha lkoll flimkien u f'pajjiż għalihom. Imma malajr għela kulħadd: is-sinjuri ma sabux x'jieklu u l-foqra ma sabux lil min ibiegħu. Allura daħal bejniethom ċertu bniedem ħelu u għaref li kien jismu Menenju Agrippa u hekk mar igħid lill-foqra. Darba l-idejn, ir-riġlejn, il-għajnejn, is-swaba', il-moħħ u l-membri kollha tal-ġisem irvellaw kontra l-istonku u fettlilhom jagħmlu strike, (xopru). "Kif", qalu, "aħna dejjem naħdmu u qatt ma nieklu u l-istonku dejjem jiekol u qatt ma jaħdem. Dan mhux sewwa." U ma ħadmux iżjed: ir-riġlejn ma ridux jimxu, l-għajnejn ma ridux jaraw, il-widnejn ma ridux jisimgħu, is-snien ma ridux jomogħdu. Allura l-istonku nixef bil-għali u waqa' f'debbulizza kbira ħafna, tant illi mhux biss kien sejjer imut huwa biss, imma miegħu kienu sejrin imutu l-membri l-oħra: illi malli ittendew bl-iżball li għamlu reġgħu għalli kienu, għamlu penitenza, ħadu paċenzja biex ma jmutux.

"Hekk ukoll", issokta Menenju Agrippa, "hekk ukoll ġara lilkom. Is-sinjuri għandhom bżonnkom u intom għandkom bżonnhom, intom għandkom isservu lilhom u huma jservu lilkom biex tgawdu l-ġid ta' xulxin." Dan il-kliem nissel il-paċi bejniethom u sewa ta' ġid kbir. Hekk ukoll illum, il-bidwi u s-sinjur għandhom iħobbu lil xulxin kif imiss u jixraq.

## IL-GĦAŻLA TAŻ-ŻRIERAGĦ

*(C. Zammit Marmarà, M.B.E.)*

KULL wiċċ li jittieħed mill-art jiddependi l-iżjed mix-xorta ta' żerriegħa li nkunu żrajna. Hi drawwa tal-bidwi tagħna li jżomm żerriegħa minn tiegħu stess minn staġun għall-ieħor, iżda fejn il-bidwi jinħtieġlu jżomm żerriegħa minn tiegħu jinħtieġ li din il-biċċa xogħol jagħmilha bil-għaqal u bil-paċenzja. Nieħdu l-ewwel il-qamħ. Biex wieħed iżomm żerriegħa, dan għandu jagħżel l-isbaħ sbul, li jkun kollu tal-kwalità li jrid hu, sbul li jkun mela tajjeb u minn pjanti b'saħħithom.

Minn dan is-sbul inti m'għandekx terfa' ż-żerriegħa kollha, iżda biss dik ta' nofs l-isbula, għaliex tat-tarf ta' fuq u ta' taħt aktarx li jagħtu prodott inqas sabiħ. Is-sena ta' wara m'il-prodott li jtik dan is-sbul għandek terġa' tagħmel l-istess għażla u b'dan il-mod fi ftit żmien inti jkollok prodott li ħadd ma jgħaddih. F'din il-għażla għandek dejjem toqgħod attent biex tagħżel sbul ta' l-istess xorta u ta' għamla waħda biex b'hekk ikollok prodott kollu l-istess u mhux bħal dak li fikw't wieħed jara fir-raba'. Dan l-istess xogħol għandu jsir meta wieħed jerfa' x-xgħir u l-qamħ ir-rum għaż-żrigħ.

Iż-żerriegħa tal-ful għandha wkoll tingħabar bil-għaqal. Agħżel l-imżiewed l-iżjed twal, l-iżjed mimlija u l-iżjed bikrija, li jkunu l-iżjed 'l isfel. Għandek ukoll tiskarta dejjem minn dawk il-pjanti li ma jkunux ta' l-istess għamla biex inti jkollok prodott kollu l-istess. Il-għażla tal-piżelli u tal-leġumi l-oħra ssir ukoll bl-istess mod.

Iż-żerriegħa tal-basal jinħtiġilha f'artna għaqal kbir biex innaqqsu dak it-taħwid ta' razez li naraw illum. Iż-żerriegħa għandna nagħżluha minn basal l-iżjed sabiħ u mwaħħar, minn basal li wieħed ikun ħawwel fil-ħarifa. Jekk titħawwel iżjed minn xorta waħda ta' basal fl-istess raba' jew ħdejn xulxin, allura dan jiddakkar u jkollok prodott mhux kollu ta' l-istess xorta.

Ftit snin ilu, kont daħħalt f'artna għall-ewwel darba dak il-famuż dulliegħ ta' qoxra ħadra skura mfella u ta' laħam aħmar daqs id-demm li irnexxa ħafna fil-Gżejjer tagħna u bis-saħħa tiegħu wieħed qed jiekol xi dulliegħa tajba, iżda bittieħa tajba ma tantx issib. It-togħma tiddependi wkoll mill-kultivazzjoni. Għal dawk li jridu jżommu żerriegħa minn frott tagħhom, għandu biss jinżamm frott ta' l-aħjar għamla u bikri, li jkun qrib iz-zokk ewlieni. Il-qara' u l-ħjar għaż-żerriegħa jingħażlu wkoll bl-istess mod.

### It-Tuffieħ Tadam għaż-Żerriegħa

Għandek tagħżel frott bikri sabiħ fid-daqs, fil-għamla u l-lewn. Agħżel dak il-frott li ma jkollux dik il-ġidra li tibqa' dejjem ħadra fejn tolħroġ miz-zokk li hi magħrufa bħala difett. Iż-żerriegħa tal-bringiel, tal-bżar u tat-tadam tiddakkar malajr wisq u wieħed m'għandux iżomm żerriegħa minn pjanti li jkollhom qribhom kwalità oħra mhix mixtieqa. Dan hu partikularment hekk fil-każ tal-bżar. Jekk fil-qrib wieħed ikollu bżar li jaħraq jista' joqgħod żgur li l-bżar aħdar li minnu jżomm iż-żerriegħa joħroġ jaħraq ukoll.



Tadam Ingliż.



Karotti, Chantenay, red-cored.

### Bringiel u Bżar għaż-Żerriegħa

Għandek tagħżel l-ewwel frott li tagħmel il-pjanta u mhux l-aħħar bħal ma jagħmlu xi wħud. Agħżel frott sabiħ u ta' għamla sabiħa. Biex iż żerriegħa tagħti prodott tajjeb jinħtieġ li tħalliha ssir sewwa fis-siġra.

### Pastard u Brokkli

Agħżel għaż-żerriegħa dawk li jkollhom qalba sabiħa, u dawk li jżommu għaż-żerriegħa qis li ma jkollhomx qribhom ġidra jew kaboċċi bil-fjur.

Il-qoton għaż-żerriegħa wieħed jieħdu billi jagħżel l-ewwel ġewżiet minn pjanti sbieħ u b'saħħithom. Il-ġewżiet għandhom ikunu ta' l-aħjar għamla li l-ħjut tagħhom ikunu ta' lewn sabiħ u ta' ħjut l-iżjed twal.

Il-kemmunu jingħażel billi jżomm għaż-żerriegħa l-isbaħ pjanti u l-iżjed bikrin bi frott mimli, lixx u mingħajr difett. Għaż-żrigħ agħżel żerriegħa li tkun friska u li ma jkollhiex iżjed minn sentejn.

Il-ġidra tingħażel billi wieħed iżomm l-isbaħ ġidra, l-iżjed bikrija, l-iżjed ċatta u l-iżjed li ddum ma tagħmel fjur.

L-għażla tal-pitravi, nevew, ravanell, zfunnarija eċċ., issir billi żżomm l-isbaħ pjanti u l-iżjed bikrija li jgħaqqdu l-għeruq l-iżjed malajr. Dawn, mą għandniex xi ngħidu, għandhom ikunu ta' għamla sabiħa u ta' lewn kif imiss. Jinħtieġ li qatt ma jbatu l-għatx u li jiġu kultivati tajjeb sa l-aħħar. Agħżel għaż-żerriegħa pjanti li nżerghu fir-rebbiegħa.

---

## MA TANTX JORQOD!

**(ĊAJTA)**

Wieħed impjegat f'Aġenzija kien dejjem jiftaħar li jorqod ftit. Ġurnata waħda, **kien it-Tnejn,** daħal id-dar daqsxejn tard filgħaxija, u qagħad attent biex iqum fil-ħin, għaliex l-għada kellu jkun l-uffiċċju fit-tmienja ta' filgħodu. Meta stembaħ sab li kienu s-sitta ta' filgħodu, reġa' tqalleb il-banda l-oħra u qal bejnu u bejn ruħu "norqod siegħa oħra": meta reġa' stenbaħ l-arloġġ kien juri s-sebgħa u kwart u huwa qal "norqod kwarta oħra"; meta stenbaħ it-tielet darba sab li kienu t-tmienja u nofs.

Huwa kellu debbulizza qawwija, iżda billi kien sar ħin wisq libes malajr u mar jiġri l-uffiċċju fejn wasal fid-disgħa ta' filgħodu. Malli wasal daħal ħdejn il-Prinċipal tiegħu u qallu:

—Sinjur, jiddispjaċini ħafna li ġejt siegħa tard.

—Kif siegħa tard?! (wieġeb il-Prinċipal) għax ma ġejtx nhar it-Tlieta u l-Erbgħa?

—Kif it-Tlieta u l-Erbgħa?! (staqsa l-impjegat). Il-lum x'inhu,!

—Il-lum il-Ħamis!!! (wieġeb il-Prinċipal).

L-impjegat sab li kien ilu rieqed tlitt ijiem.

